32000L0039

16.6.2000 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 142/47

# ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2000/39/KE

## tat-8 ta' Ġunju 2000

## li tistabbilixxi l-ewwel lista ta' valuri ta' limiti ta' espożizzjoni fuq ix-xogħol biex timplimenta d-Direttiva 98/24/KE dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema minn riskji relatati ma' aġenti kimiċi fuq ix-xogħol

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tal-ħaddiema minn riskji relatati ma' sustanzi kimiċi fuq il-post tax-xogħol ([1]), u b'mod speċjali l-Artikolu 3(2) tagħha,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar s-sigurtà, l-iġjene, u l-protezzjoni tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol,

Billi:

(1) Skond id-Direttiva 98/24/KE, il-Kummissjoni għandha tipproponi miri Ewropej fil-forma ta' valuri limiti indikattivi ta' espożizzjoni minn riskju ta' kimika, biex jiġu stabbiliti fil-livell Komunitarju.

(2) Il-Kummissjoni, filwaqt li twettaq dan il-kompitu, hija megħjuna mill-Kumitat Xjentifiku għal Limiti ta' Espożizzjoni minn Sustanzi Kimiċi (KXLESX), stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/320/KE ([2]).

(3) Għall-aġenti kimiċi li għalihom valuri limiti indikattivi ta' espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol huma stabbiliti fuq il-livelli Komunitarji, l-Istati Membri huma mitluba jistabilixxu limitu ta' espożizzjoni, wara li jkun ittieħed inkonsiderazzjoni l-limitu stabbilit mill-Komunità, u b'dan il-mod, ikunu stabbilew n-natura tiegħu skond il-leġislazzjoni u l-prattika nazzjonali.

(4) Billi valuri limiti ta' espożizzjoni għandhom jiġu kkunsidrati bħala parti importanti mill-atteġġjament ġenerali li jiżgura l-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol, kontra r-riskji li ġejjin minn kimiċi perikolużi.

(5) L-ewwel u t-tieni lista ta' valuri limiti indikattivi ta' espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol ġew stabbiliti mid-Direttivi tal-Kummissjoni 91/322/KEE ([3]) u 96/94/KE ([4]) fil-kuntest tad-Direttiva tal-Kunsill 80/1107/KEE tas-27 ta' Novembru 1980 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati ma' l-espożizzjoni għal sustanzi kimiċi, fiżiċi u bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol ([5]).

(6) Id-Direttiva 80/1107/KEE ġiet mħassra b'effett mill-5 ta' Mejju 2001 bid-Direttiva 98/24/KE.

(7) Huwa xieraq illi jerġgħu jiġu stabbiliti, fil-kwadru ta' Direttiva 98/24/KE, il-valuri limiti indikattivi ta' espożizzjoni li kienu ġew stabbiliti mid-Directtivi 91/322/KEE u 96/94/KE fil-kuntest ta' Direttiva 80/1107/KEE.

(8) Il-lista li tinsab fl-Anness fiha s-sustanzi li fih l-Anness tad-Direttiva 96/94/KE u tinkorpora numru ta' sustanzi oħra li għalihom il-valuri limiti indikattivi ta' espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol ġew rakkomandati mill-KXLEXS, wara li saret stima ta' l-aktar tagħrif xjentifiku reċenti dwar l-effetti fuq is-saħħa tal-ħaddiem u wara li ġiet ikkunsidrata d-disponibbiltà tat-teknika tal-kejl. Perkonsegwenza u biex il-materja tkun iktar ċara, id-Direttiva 96/94/KE għandha tiġi abbozzata mill-ġdid.

(9) Huwa neċessarju li jiġu stabbiliti l-valuri limiti għall-espożizzjoni ta' perijodu qasir biex jittieħdu inkonsiderazzjoni l-effetti ta' espożizzjoni għal zmien qasir.

(10) Għal ċerti sustanzi, huwa neċessarju li tittieħed inkonsiderazzjoni wkoll il-possibilità ta' penetrazzjoni mill-ġilda, biex jiġi ggarantit l-aħjar livell ta' protezzjoni possibbli.

(11) Din id-Direttiva tikkostitwixxi pass prattiku lejn it-twettiq ta' dimensjoni soċjali fis-suq intern.

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz ta' l-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri li jinkoraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol, ([6])

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

Il-livelli komunitarji limiti indikattivi għall-espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol huma dawk stabbiliti għall-aġenti kimiċi fl-Anness.

([1]) ĠU L 131, tal-5.5.1998, p. 11.
([2]) ĠU L 188, tad-9.8.1995, p. 14.
([3]) ĠU L 177, tal-5.7.1991, p. 22.
([4]) ĠU L 338, tat-28.12.1996, p. 86.
([5]) ĠU L 327, tat-3.12.1980, p. 8.
([6]) ĠU L 183, tad-29.6.1989, p. 1.

*L-Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu livelli nazzjonali ta' valuri limiti għal sustanzi kimiċi fuq il-post tax-xogħol wara li jqisu l-valuri komunitarji.

*L-Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ lil-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 2001 l-iktar tard. Għandhom jgħarrfu bihom lill-Kummissjoni minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, huma għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew jakkumpanjawhom b'din ir-referenza meta jippubblikawhom uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif issir din ir-riferenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*L-Artikolu 4*

Id-Direttiva 96/94/KE hi mħassra b'effett mid-data msemmija fl-Artikolu 3(1).

*L-Artikolu 5*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara l-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*L-Artikolu 6*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-8 ta' Ġunju 2000.

*Għall-Kummissjoni*

Anna DIAMANTOPOULOU

*Membru tal-Kummissjoni*

*L-ANNESS*

**VALURI LIMITI INDIKATTIVI ESPOŻIZZJONI FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL**

| EINECS (1) | SAK (2) | Isem ta' l-aġent | Valuri limiti | | | | Notament (3) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Tmien Sighat (4) | | Żmien Qasir (5) | | |
| | | | mg/m³ (6) | ppm (7) | mg/m³ (6) | ppm (7) | |
| 200–467–2 | 60–29–7 | Diethylether | 308 | 100 | 616 | 200 | — |
| 200–662–2 | 67–64–1 | Acetone | 1 210 | 500 | — | — | — |
| 200–663–8 | 67–66–3 | Kloroform | 10 | 2 | — | — | Ġilda |
| 200–756–3 | 71–55–6 | 1,1,1-Trichloroethane | 555 | 100 | 1 110 | 200 | — |
| 200–834–7 | 75–04–7 | Ethylamine | 9,4 | 5 | — | — | — |
| 200–863–5 | 75–34–3 | 1,1-Dichloroethane | 412 | 100 | — | — | Ġilda |
| 200–870–3 | 75–44–5 | Fosiġenu | 0,08 | 0,02 | 0,4 | 0,1 | — |
| 200–871–9 | 75–45–6 | Chlorodifluoromethane | 3 600 | 1 000 | — | — | — |
| 201–159–0 | 78–93–3 | Butanone | 600 | 200 | 900 | 300 | — |
| 201–176–3 | 79–09–4 | Aċidu Propjoniku | 31 | 10 | 62 | 20 | — |
| 202–422–2 | 95–47–6 | o-Xylene | 221 | 50 | 442 | 100 | Ġilda |
| 202–425–9 | 95–50–1 | 1,2-Dichlorobenzene | 122 | 20 | 306 | 50 | Ġilda |
| 202–436–9 | 95–63–6 | 1,2,4-Trimethylbenzene | 100 | 20 | — | — | — |
| 202–704–5 | 98–82–8 | Cumene | 100 | 20 | 250 | 50 | Ġilda |
| 202–705–0 | 98–83–9 | 2-Phenylpropene | 246 | 50 | 492 | 100 | — |
| 202–849–4 | 100–41–4 | Ethylbenzene | 442 | 100 | 884 | 200 | Ġilda |
| 203–313–2 | 105–60–2 | e-Caprolactam, (trab u fwar) | 10 | — | 40 | — | — |
| 203–388–1 | 106–35–4 | Heptan-3-wieħed | 95 | 20 | — | — | — |
| 203–396–5 | 106–42–3 | p-Xylene | 221 | 50 | 442 | 100 | Ġilda |
| 203–400–5 | 106–46–7 | 1,4-Dichlorobenzene | 122 | 20 | 306 | 50 | — |
| 203–470–7 | 107–18–6 | alkoħol Allyl | 4,8 | 2 | 12,1 | 5 | Ġilda |
| 203–473–3 | 107–21–1 | Ethylene glycol | 52 | 20 | 104 | 40 | Ġilda |
| 203–539–1 | 107–98–2 | 1-Methoxypropanol-2 | 375 | 100 | 568 | 150 | Ġilda |
| 203–550–1 | 108–10–1 | 4-Methylpentan-2-wieħed | 83 | 20 | 208 | 50 | — |
| 203–576–3 | 108–38–3 | m-Xylene | 221 | 50 | 442 | 100 | Ġilda |
| 203–603–9 | 108–65–6 | 2-Methoxy-1-methylethylacetate | 275 | 50 | 550 | 100 | Ġilda |
| 203–604–4 | 108–67–8 | Mesitylene (Trimethylbenzenes) | 100 | 20 | — | — | — |
| 203–628–5 | 108–90–7 | Klorobenżin | 47 | 10 | 94 | 20 | — |
| 203–631–1 | 108–94–1 | Cyclohexanone | 40,8 | 10 | 81,6 | 20 | Ġilda |
| 203–632–7 | 108–95–2 | Fenolu | 7,8 | 2 | — | — | Ġilda |
| 203–726–8 | 109–99–9 | Tetrahydrofuran | 150 | 50 | 300 | 100 | Ġilda |
| 203–737–8 | 110–12–3 | 5-Methylhexan-2-wieħed | 95 | 20 | — | — | — |
| 203–767–1 | 110–43–0 | Heptan-2-wieħed | 238 | 50 | 475 | 100 | Ġilda |
| 203–808–3 | 110–85–0 | Piperazine | 0,1 | — | 0,3 | — | — |
| 203–905–0 | 111–76–2 | 2-Butoxyethanol | 98 | 20 | 246 | 50 | Ġilda |
| 203–933–3 | 112–07–2 | 2-Aċetat tal-Butoxyethyl | 133 | 20 | 333 | 50 | Ġilda |

| EINECS (1) | SAK (2) | Isem ta' l-aġent | Valuri limiti | | | | Notament (3) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Tmien Sigħat (4) | | Żmien Qasir (5) | | |
| | | | mg/m³ (6) | ppm (7) | mg/m³ (6) | ppm (7) | |
| 204–065–8 | 115–10–6 | Dimethylether | 1 920 | 1 000 | — | — | — |
| 204–428–0 | 120–82–1 | 1,2,4-Trichlorobenzene | 15,1 | 2 | 37,8 | 5 | Ġilda |
| 204–469–4 | 121–44–8 | Triethylamine | 8,4 | 2 | 12,6 | 3 | Ġilda |
| 204–662–3 | 123–92–2 | Isopentylacetate | 270 | 50 | 540 | 100 | — |
| 204–697–4 | 124–40–3 | Dimethylamine | 3,8 | 2 | 9,4 | 5 | — |
| 204–826–4 | 127–19–5 | N, N-Dimethylacetamide | 36 | 10 | 72 | 20 | Ġilda |
| 205–480–7 | 141–32–2 | n-Butylacrylate | 11 | 2 | 53 | 10 | — |
| 205–563–8 | 142–82–5 | n-Heptanju | 2 085 | 500 | — | — | — |
| 208–394–8 | 526–73–8 | 1,2,3-Trimethylbenzene | 100 | 20 | — | — | — |
| 208–793–7 | 541–85–5 | 5-Methylheptan-3-wieħed | 53 | 10 | 107 | 20 | — |
| 210–946–8 | 626–38–0 | 1-Methylbutylacetate | 270 | 50 | 540 | 100 | — |
| 211–047–3 | 628–63–7 | Pentylacetate | 270 | 50 | 540 | 100 | — |
| | 620–11–1 | 3-Pentylacetate | 270 | 50 | 540 | 100 | — |
| | 625–16–1 | Amylacetate, tert | 270 | 50 | 540 | 100 | — |
| 215–535–7 | 1330–20–7 | Xylene, iżomeri mħallta, puri | 221 | 50 | 442 | 100 | Ġilda |
| 222–995–2 | 3689–24–5 | Sulphotep | 0,1 | — | — | — | Ġilda |
| 231–634–8 | 7664–39–3 | Fluworu ta' l-Idroġenu | 1,5 | 1,8 | 2,5 | 3 | — |
| 231–131–3 | 7440–22–4 | Fidda, metalliku | 0,1 | — | — | — | — |
| 231–595–7 | 7647–01–0 | Kloridu ta' l-Idroġenu | 8 | 5 | 15 | 10 | — |
| 231–633–2 | 7664–38–2 | Aċidu Ortofosforiku | 1 | — | 2 | — | — |
| 231–635–3 | 7664–41–7 | Anidru ta' l-Ammonja | 14 | 20 | 36 | 50 | — |
| 231–954–8 | 7782–41–4 | Florinu | 1,58 | 1 | 3,16 | 2 | — |
| 231–978–9 | 7783–07–5 | Dihydrogen selenide | 0,07 | 0,02 | 0,17 | 0,05 | — |
| 233–113–0 | 10035–10–6 | Bromidu ta' l-Idroġenu | — | — | 6,7 | 2 | — |
| 247–852–1 | 26628–22–8 | Azidetas-Sodju | 0,1 | — | 0,3 | — | Ġilda |
| 252–104–2 | 34590–94–8 | (2-Methoxymethylethoxy)-propanol | 308 | 50 | — | — | Ġilda |
| | | Floridi, inorganiċi | 2,5 | — | — | — | — |

(1) EINECS: Inventarju Ewropew ta' sustanzi kimiċi eżistenti.

(2) CAS: Numru tar-reġistru tas-servizz għall-astratti kimiċi

(3) Notazzjoni tal-ġilda mogħtija mill-LEL jidentifika l-possibilitajiet ta' penetrazzjoni sostanzjali mill-ġilda.

(4) Mkejjel jew ikkalkulat f'relazzjoni mal-perijodu ta' referenza tal-medja maħduma skond perijodu ta' tmien sigħat.

(5) Valur limitu li m'għandhiex tiġi permessa espożizzjoni 'l fuq minnu u relatat mal-perijodu ta' 15-il minuta, sakemm mhux stipulat mod ieħor.

(6) mg/m³: milligrammi kull metru kubu ta' arja b'20 °Ċ u 101,3 KPa.

(7) pkm: partijiet kull miljun bil-volum fl-arja (ml/m³).